MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 250/2013

**Appell Nru. 250/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Tony Cachia)**
**Vs**
**Mark Scicluna**

**Illum 23 ta' Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Dicembru, 2009, ghall-habta ta' 19.00 hrs fi Triq l-Imqabba, Siggiewi waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni YES768 :

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Rita Cutajar u ta' Nicholas Cutajar kif iccertifika Dr. A. Cachia M.D mill-Isptar Mater Dei kif ukoll

griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Paul Cutajar kif iccertifika Dr. B.F. Parsons M.S mill-Isptar Mater Dei;
2. saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
3. saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
4. saq l-imsemmija vettura bla kont;
5. saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bin-numru tar-registrazzjoni YES768 meta ma kienx f'kundizzxjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
6. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura imsemmija hawn fuq fi triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 226(1)(a)(b)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a)(2), 15A(1)(2), l-artikoli 15B(1)(2) u 15H(1)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha, u billi s-sewqan bla kont u traskurat huma assorbiti fis-sewqan perikoluz u billi l-hames akkuza hija alternattiva ghas-6 akkuza, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 kkundannatu ghal erbatax (14)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.
Il-Qorti ordnat ukoll sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal zmien sena.
Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni li l-appellant kien ressaq quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn kien eccepixxa n-nullita tat-tehhied tal-kampjuni tan-nifs li kienu ttiehdu mill-appellant meta l-Pulizija kienu naqsu mill-obbligu minnhom impost mill-Ligi li jaghtu lill-esponenti l-fakolta, tieghu bi dritt, li jikkomunika mal-Avukat ta' fiducja tieghu meta si tratta ta' rejati serji li Pulizija kienet ser takkuzah bihom b'dan li allura tilqa' l-istess eccezzjoni in kwantu r-rejati li bihom l-appellant gie akkuzat, ma ssibx l-imputat hati taghhom u minnhom tilliberah filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet

lill-appellant hati tal-kontravenzjonijiet li bihom gie akkuzat u ghalhekk ukoll twarrab dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-appellant gie skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.
Alternattivament u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqghax l-eccezzjoni fuq imsemmija, tirriforma s-sentenza appellata billi ma ssibx lill-akkuzat hati li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Nicholas Cutajar u Rita Cutajar u minflok issibu biss hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq l-imsemmija persuni b'dan ukoll illi l-piena li ghandha tigi inflitta f'kaz li din il-parti tal-appell jigi milqugh tirrifleti n-nuqqas ta' gravita tal-istess feriti u b'hekk ukoll twarrab dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti imponiet l-iskwalifika tas-sewqan tal-appellant.
Alternattivament u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti la tilqa` l-ewwel aggravju u l-anqas it-tieni. Hija xorta wahda tirriforma l-piena imposta fuq l-appellant mill-Ewwel Onorabbli Qorti b'dan illi flok timponi l-piena karcerarja u s-sospenzjoni taghha kif fuq intqal, timponi piena ehfef anke l-liberazzjoni that kundizzjoni kuf ukoll li twarrab jew almenu tnaqqas konsiderevolment l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal 12 il-xahar.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**

Bir-rispett kollu dovut lejha l-ewwel Onorabbhi Qorti ma messa qatt iddecidiet dwar l-eccezzjoni sollevata mill-esponenti fil-kors tas-smiegh quddiemHa illi meta kienet qed tesprimi ruhha fuq kif ittiehed il-breathalyser test qalet hekk:

"...il-Qorti thoss illi ghalkemm minn ikun ser jittiehidlu l-breathalyser huwa desiderabbli illi jinghatalu (sic.) d-dritt ta' avukat, hekk "contrario senso", il-fatt li ma nghatax (sic.) dan id-dritt ma jfissirx awtomatikament li gew lesi d-

drittijiet fundamentali ta' dak il-bniedem. Kull kaz ghandu jigi kunsidrat (sic.) u evalwat skond il-merti tieghu.

Tkompli targumenta l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-fehma tal-esponenti legalment insostenibbli dan l-argument hekk:

"f'dan il-kaz is-Surgent 539 ha biss il-verzjoni tal-fatti tal-incident u kif kellha l-okkazzjoni li tiddeciedi din l-istess Qorti fil-kawza bl-ismijiet "il-Pulizija vs Raymond Psaila" digriet tat-23 ta' Settembru 2011, f'dan l-istadju ma jiskattax id-dritt tal-avukat.

Ii-Qorti mbaghad tghaddi, biex, fil-fehma tal-esponenti taghmel deliberazzjoni gratwita u allura priva mill-legalita f'materja ta' dritt kriminali meta qalet "...illi l-Qorti thoss illi li kieku inghata dan id-dritt u fil-fatt l-imputat uzah billi cempel avukat, dak l-avukat kien jghidu l-istess haga li fil-fatt qallu s-Surgent. Illi ghalhekk il-Qorti ma Hi qed tara l-ebda pregudizzju fil-konfront tal-imputat u ghalhekk qed tichad din it-tezi tad-difiza".

L-ebda Qorti Kriminali, jigi sottomess m'ghandu jarreka ghalih il-gudizzju li setgha jaghmel avukat meta mitlub jaghti parir bit-telephone lill-klijent tieghu meta dan jigi affacjat b'azzjoni li taghmel il-Pulizija li permezz taghha dik l-azzjoni tista' twassal ghal sejbien ta' htija kriminali fuq delitt u fil-kaz in kwistjoni almenu tlett delitti, u allura tasal ghal decizjoni a bazi ta' dak li l-Qorti thoss x'setgha jaghmel avukat meta jigi biex jaghti parir lill-klijent tieghu b'dan illi tiddeciedi illi parir ta' avukat u parir ta' surgent huma tal-istess stoffa u mportanza!

Ghar-ragunijiet imsemmija f'dan l-aggravju biss l-esponenti qatt ma setgha jinsab hati tal-akkuzi ta' natura delittwali migjuba kontrih izda se mai biss ta' dawk l-akkuzi ta' natura kontravenzjonali.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

In kwantu l-Qorti sabet lill-imputat hati li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rita Cutajar u ta' Nicholas Cutajar jinghad dan li gej:

L-Ewwel nett il-ferita fuq Rita Cutajar qatt ma kienet wahda ta' natura gravi u dik li sofra l-minuri Nicholas Cutajar li kienet biss gravi mhux per durata izda biss ghax allegatament halliet marka permanenti fuq wicc il-minuri ma giet bl-ebda mod ippruvata skond kif kellha ghas-semplici raguni illi qabel ma naghtat is-sentenza u wara li saru diversi "sessions" ta' laser treatment fuq l-istess ferita din kompliet ticcara mill-hmura originali li dejjem tiffacja ferita, tkun fejn tkun sakemm jghaddi certu zmien minn fuqha — anke girfa ta' qattusa fuq is-sieq, l-ispallejn jew fuq id-dahar tibqa' hamra ghal gimghat twal sakemm il-gisem b'mod naturali jfejjaqha u l-hmura tisparixxi biz-zmien — kollox kif sehh fil-ferita li sofra l-minuri. Ghalhekk anke din l-akkuza qatt ma kellha tissusstissi u anke minn din l-esponenti kellu quddiem l-Ewwel Qorti u issa quddiem din il-Qorti tal-Appell jigi lliberat.

**<u>It-Tielet Aggravju</u>**

Dan l-aggravju huwa limitat biss fl-eventwalita illi din l-Onorabbli Qorti tirrespingi l-ewwel zewg aggravji u huwa biss dwar is-sentenza ta' 14 il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal 12 il-xahar.

Kif inghad izjed il-fuq f'dan l-appell l-esponenti kien pront u dana wara illi hareg issurvey tal-hsarat fuq il-vettura li maghha kien habat kif ukoll wara illi kemm hu kif ukoll id-difensur tieghu l-avukat sottoskritt kienu iltaqghu u kkorispondew mal-legali tal-familja Cutajar u wara li rcivew minghandhom rapport medici dwar il-probabbilita illi bil-laser treatment il-ferita f'wicc il-minuri kienet ticcara u ma tibqghax tidher kien hallas mhux biss id-danni kollha sabiex il-vettura taghhom tigi msewwija izda wkoll l-ispejjez kollha tat-tabib tal-familja Cutajar, l-ispejjez ghall-laser treatment li sar, kif ukoll somma konsiderevoli lill-istess familja minhabba l-akkadut u allura in vista ta' dana kollu l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma kellHa qed jigi sottomess tuza id tal-hadid meta waslet biex tiddeciedi din il-kawza meta f'okkazjonijiet ferm aghar minn dak kif twasslu u gew konkluzi l-affarijiet f'dan il-kaz, Qrati Kriminali ohra kienu taw sentenzi ben diversi fil-qilla

taghhom mid-decizjoni odjerna. Kien hemm fil-fatt diversi okkazjonijiet fejn persuni sahansitra tilfu hajjithom f'incidenti stradali jew soffrew qtugh ta' dirghajn jew debilita permanenti massicca u s-sentenza moghtija fil-konfront taghhom kienet ferm izjed hafifa minn dik imposta f'dawn il-proceduri. L-appellant ma jistenniex minn din l-Onorabbli Qorti li ma ssirx gustizzja mieghu jew li dak li sehh kien tali illi qiesu ma gara xejn, pero' lanqas ghandu jkun illi jekk kellu jinghata piena xierqa jinghata minflok piena mill-ehrex.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-22 ta' Dicembru ta' l-2009 ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija, sehhet kollizjoni fi Triq l-Imqabba, is-Siggiewi bejn il-vettura YES-768 Peugeot 206 misjuqa mill-appellant Mark Scicluna u l-vettura FBH-361 Toyota misjuqa minn Rita Cutajar. Maghha kien hemm iz-zewgt itfal taghha Paul u Nicholas Cutajar. L-ewwel Pulizija fuq il-post kien PS 539 F Caruana li seta' jinnota li z-zewgt itfal kellhom xi griehi u ghalhekk ittiehdu l-isptar Mater Dei permezz ta' ambulanza. Wara dan kellem lil ommhom Rita Cutajar illi qalet illi dak in-nhar kienet qeghdha ssuq fit-triq lejn l-Imqabba u rat karozza ohra gejja mid-direzzjoni opposta b'dawl qawwi. Hija waqfet pero l-iehor baqa' diehel go fiha. Ix-xufier tal-vettura l-ohra YES-768 kien l-appellant Mark Scicluna li mistoqsi biex jaghti l-verzjoni tieghu beda jkun inkoorenti, jghid li ma gara xejn u anke, hin minnhom, illi « gie mill-istillel » !. Is-Surgent seta' jinnota illi l-appellant kien taht l-effetti ta' l-alkohol peress li ma kienx jiflah ikun fuq saqajh. Raqad fuq l-isteering dak il-hin u kien jinxtamm riha ta' alkohol. Gie mehud id-Depot fejn ittiehed kampjun tan-nifs u rrizulta pozittiv u kien jimmarka 93 u 95 ugs/100ml. Ovvjament l-appellant ma setax isuq wahdu d-dar u gew membri tal-familja tieghu u haduh. Il-Pulizija pero institwiet proceduri Kriminali kontra l-appellant u gie mressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.
B'sentenza ta' l-20 ta' Mejju ta' l-2013, il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal erbatax-il xahar

prigunerija sospizi ghal sentejn u ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sena.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. U l-aggravji tieghu principalment huma illi l-appellant ma nghatax it-twissija qabel ma gie intervestat mill-Pulizija, il-ferita li soffra Nicholas Cutajar kienet wahda hafifa u ma thallit l-ebda cikkatrici, illi l-piena kienet harxa wisq mehud inkonsiderazzjoni l-fatt illi danni subiti minn Rita Cutajar thallsu kollha.

L-appellant argument illi l-Pulizija ma tawhx it-twissija qabel ma ttiehed il-breathalyzer test. L-appellant huwa akkuzat b'delitt u mhux kontravenzzjoni u dan 'l ghaliex il-hsarat, minkejja li kien involontarji, kienu jaccedu l-€50 allura dejjem kien imissu nghata t-twissija u gie mgharraf bid-drittijiet tieghu. Quindi, dak kollu li sar minghajr it-twissija huwa kollu null inkluz it-test tal-breathalyzer. Mill-att mediku l-feriti subiti ma kienux serji u ma rrizultax illi dan Nicholas Cutajar soffra b'xi cikkatrici permanenti fil-wicc peress illi saru interventi professjonali bil-laser ghas-spejjez ta' l-appellant u illum din il-marka tnehhiet kompletament u l-intervent irnexxa. U quindi, mehud in konsiderazzjoni illi d-danni thallsu kollha, il-piena inflitta kienet harxa wisq.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwarda t-twissija, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-appellant. Jibda biex jinghad illi t-twissija formali ghandha tinghata biss meta l-persuna tkun taht arrest. Ghal dak li jirrigwarda "roadside interviews", il-persuna ma tkunx taht arrest u l-Pulizija tkun qeghdha prezenti biss biex tistabbilixxi l-fatti u tiehu l-verzjoni tal-partijiet involuti fl-incident. Fl-ebda hin dawn il-partijiet ma jkunu taht arrest, ghad illi ovvjament jekk ma jikkooperawx mal-Pulizija jistghu jinstabu hatja ta' affarijiet ohra, bhal li naqsu illi jaghu l-particulars lil Pulizija, izda mhux ta' harba minn arrest. Madankollu, minkejja illi d-dikjarazzjonijiet maghmluha minn persuna waqt "roadside interview" m'ghandiex ghalfejn tkun soggetta ghal twissija minn naha tal-Pulizija li jkun qed jinvestiga l-incident, dikjarazzjoni tali

jridu jittiehdu b'certu kawtela u jrid isir ezercizzju biex jigi determinat kemm hija soda l-prova migjuba mill-Pulizija f'dawk ic-cirkostanzi.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani fil-kawza, fl-ismijiet Aleksander Zaichenko vs Russia deciza fit-18 ta' Frar ta' l-2010 (Case number 39660/02) fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet *"In some, the evidence available to the Court supports the claim that the applicants pre trial admission, whether directly self incriminating or not, was used in the proceedings in a manner which sought to incriminate him. In the Court's view, statements obtained in the absence of procedural guarantees, should be treated with caution (Lutsenko vs Ukraine, number 30663/04 18th December 2008).*
*Hence, what remains to be determined is whether the criminal proceedings against the applicant, can be considered fair on account of the use made of the applicants' pre trial admission. Regard must be had to whether the rights of the defence had been respected and whether the applicant was given the opportunity of challenging the authenticity of the evidence and of opposing its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained casted out on a its liability or accuracy."* Dan huwa l-kriterju li l-Qorti ghandha tuza' f'dan il-kaz u jkun assurd li kull darba li l-Pulizija tikkonduci "road side interview" toqghod tesigi lil dak li jkun icempel lil avukat sabiex jigi fuq il-post sakemm isir dan l-interview. Kif ga inghad, la l-persuna ma tkunx taht arrest, quindi ma ghandux id-dritt li jkollu mieghu avukat dak il-hin, pero d-dikjarazzjonijiet moghtija minn dik il-persuna, ghandhom jittiehdu b'certa kawtela mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif inghad fil-kawza "Aleksander Zaichenko vs Russia". F'dan il-kaz ma hemmx dubju li x-xhieda tal-Pulizja hija wara veritjera u soda u l-Qorti tista' toqghod fuqha. Barra minnhekk, id-drittijiet tad-difiza gew irrispettati u l-appellant nghata l-opportunita' sabiex jikkuntesta l-awtenticita tal-provi migjuba u sabiex jopponija. Il-Qorti ghandha tieghu ukoll

in konsiderazzjoni l-kwalita’ tal-prova, inkluz ic-cirkostanzi li nghatat setghatx titfa’ xi dubju fuq l-ezattezza taghha. Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-argument ta’ l-ewwel Qorti, fejn qalet li kieku nghata dan id-dritt u jekk l-imputat cempel lil avukat, dan l-avukat kien jghidlu l-istess haga kif fil-fatt qallu s-Surgent, ma jaghmilx sens legali. Dan huwa argument ipotetiku illi fil-kamp kriminali ma jistax jintuza’ pero irrizulta li qabel ma’ l-appellant gie mgieghel jiehu l-breathalyzer test, gie moghti t-twissija necessarja billi gie mgharraf bid-drittijiet tieghu kollha inkluz il-konsegwenzi jekk huwa jirrifjuta illi jaghmel dan it-test.

Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li f’dan il-kaz il-Pulizija mxiet skond il-Ligi, t-test ittiehed b’mod regolari u r-rizultat tieghu jista’ jittiehed bhala prova fil-konfront ta’ l-appellant.

F’dan il-kaz jirrizulta car illi t-test wera’ illi l-appellant kellu livell ta’ alkohol go fih ferm ghola mill minimu stabbilit mill-Ligi, dan abbinat mal-komportament ta’ l-appellant wara l-incident, fejn raqad fuq l-isteering, ma setax joqghod fuq saqajh u meta s-Surgent staqsieh biex jaghtih il-verzjoni ta’ l-incident, l-appellant irrispondieh li kien “gej mill-istilel”!. Minn naha l-ohra, ix-xhieda ta’ Rita Cutajar, hija wahda veritjera u kategorika fejn tat il-verzjoni taghha ta’ kif l-appellant b’dawl qawwi invada l-karregjata taghha u baqa’ diehel dritt ghal go fiha.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwarda l-feriti li garrbu l-parti leza, fortunatament, dawn kollha fiequ, ghad illi ssubew diversi tipi ta’ feriti. Paul Cutajar, ta’ tmien snin sofra feriti hfief, « save complications ». Huh, Nicholas Cutajar sofra ferita gravi (fol 24). Ommhom Rita Cutajar, ghall-ewwel giet iccertifikata li soffriet ferita hafifa, « save complications », izda f’certifikat iehor, a fol 27 giet deskritta bhala li soffriet ferita gravi.

Ghalhekk l-ewwel akkuza zgur li tirrizulta u l-ewwel Qorti ghamlet sew fejn sabet htija f’dan il-Kap. Ghalhekk din il-Qorti jidhirlha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragonevolment tasal ghal

konkluzzjoni illi waslet ghaliha. U mhux il-kaz quindi illi din id-diskrizzjoni tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur huwa li mhux normali illi l-Qorti ta’ l-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk jirrizulta li l-piena inflitta hija fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi setghet tkun differenti minn dak li tkun fil-fatt inghatat. Din il-Qorti qieset illi l-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz li tigi mibdula.

Ghal dawn il-motivi, taqta’ u tiddeciedi li tichad l-Appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------